**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 26 ta' Gunju 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 83 /2023 JPG**
**Kawza nru.: 41**

**SA**
**Vs**
**FX**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' SA datat 10 ta' April 2023, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Il-kontendenti kellhom relazzjoni illi illum spiccat, u minn din ir-relazzjoni twieldu zewgt itfal, tewmin, u cioe YXA u KXA illi twieldu nhar X-sena.*
2. *Illi r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti tfarrak minhabba l-agir inkwetanti, vjolenti u abbuziv da parti tal-intimat fil-konfront tal-esponenti u l-genituri taghha;*
3. *Illi matul ir-relazzjoni taghhom, l-intimat kien jirrisjedi fid-dar tal-genituri tal-esponenti u dan sakemm ir-relazzjoni tal-kontendenti spiccat minhabba l-persistenza ta' vjolenza domestika fizika u theddid da parti tal-intimat fil-konfront kemm tal-esponenti u kif ukoll fil-konfront tal-genituri tal-esponenti kif sejjer jigi ppruvat matul il-kors ta' din il-kawza;*
4. *Illi apparti dan kollu, l-konvenut huwa generalment irrisponsabbli. Huwa jsuq lit-*

*tfal minghajr car seat u jsuq il-karozza b'mod perikoluz tant illi ricentament huwa kellu incident iehor serju fejn huwa kwazi rrenda l-karozza total loss. Apparti minn hekk, il-konvenut huwa rresponsabbli bil-flus u fil-fatt kien black-listed mill-banek u kellu jaghti l-flus lil numru ta' nies inkluz lill-genituri tar-rikorrenti ghall-karozza hawn fuq imsemmija illi ormai kisser;*

5. *Illi l-esponenti fethet kawza fis-sena 2020 u sussegwentament permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-nutar Francesca Cachia Zammit fil-15 ta' Marzu 2022 (**DOK A**), il-partijiet qablu li l-kura u kustodja tat-tfal minuri ghandha tkun esklussivament fdata f'idejn l-esponenti omm.*
6. *Illi bhala prekawzjoni, in vista tas-suespost u aktar, fl-imsemmi kuntratt il-partijiet qablu wkoll illi (5a) sakemm iit-Tfal Minuri jaghlqu l-eta' ta' erba snin, l-access ghandu jigi ezercitat fir-residenza tan-nanniet paterni, b'dana illi jekk l-access jigi ezercitat barra mir-residenza irid isir dejjem fil-prezenza tan-nanniet paterni u (5b) li l-missier ghandu jkollu sleepover minn meta t-tfal minuri jaghlqu l-eta' ta' erba snin.*
7. *Illi sfortunatament mid-data tal-kuntratt l-hawn, kien hemm diversi incidenti ohra illi hasbu lill-esponenti inkluz illi:*
   a) *L-intimat kien qieghed (ghal darb' ohra) isuq b'mod traskurat u spicca habat f'numru ta' karozzi u sahansitra l-karozza tieghu nqelbet. Mhuwiex maghruf jekk l-intimat kienx qieghed taht l-effett ta' xi sustanza.*
   b) *Minkejja li l-intimat dahal f'programm mal-Caritas, dan ma spiccahx ghaliex tkecca mill-istess minhabba serq.*
   c) *Kien hemm diversi incidenti ta' vjolenza domestika mill-intimat fil-konfront tat-tfajla tieghu, Leanne Vella, ikluz fil-presenza tat-tfal minuri tal-partijiet.*
   d) *L-intimat ilu ma jhallas manteniment mill-31 ta' Awwissu 2022 u b'hekk il-piz jaqa fuq l-esponenti u l-familja taghha.*

8. *Illi kif jidher mis-suespost, l-affarijiet marru ghal-aghar u mhux ghall-ahjar u r-rikorrenti bir-ragun tinsab ferm inkwetata u ghalhekk kellha ssir din il- kawza u dan wara l-awtorizazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet tat-13 ta' Marzu 2023 (**Dok B**).*

*Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti, previa kull provvediment iehor li l-Qorti jidhrilha huwa xieraq u opportun fic-cirkostanzi,*

*joghgobha:*

i. *Tvarja l-kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Francesca Cachia Zammit fil-15 ta' Marzu 2022 u specifikament il-klawzola numru 5(a) u tordna minflok illi kull access ghandu jibqa jigi ezercitat fir-residenza tan-nanna paterna u fil-prezenza tan-nanna paterna.*

ii. *Tvarja l-kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Francesca Cachia Zammit fil-15 ta' Marzu 2022 u specifikament il-klawzola numru 5(b) billi tirrevoka l-istess.*

iii. *Tordna illi t-tfal minuri m'ghandhom qatt jirkbu f'karozza meta jkun qieghed isuq l-intimat missierhom.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' FX datata 5 ta' Marzu 2023 a fol 12 et seqq li taqra hekk:

1. *Illi t-talbiet attrici huma nfundati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ma hemm l-ebda raguni valida li jkun hemm kambjamenti fl-istess kuntratt datat 15 ta' Marzu 2022.*
2. *Illi l-esponenti fir-relazzjoni tieghu mat-tfal komuni dejjem ikkomporta ruhu ta' missier u bonus pater familias*
3. *Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kuntratt huwa validu ghal-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u ma hemm l-ebda lok ghal xi revoka u/jew xi emenda ta' xi klawzula jew parti minnha.*

*Salv risposti ulterjuri.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat ir-rapport tal-Caritas datat 28 ta Gunju 2023 vide fol 29;

Rat ir-rapport tad-Direttorat tal-Harsien tat-tfal datat 9 ta' Dicembru 2023 vide fol 89;

Rat in-nota tad-Direttorat ghall-Harsiet tat-Tfal vide fol 93;

Rat in-nota ta SA datata 22 ta’ Mejju 2024 vide fol 120 et seqq;

Rat ir-rapport ta’ Dr Andreana Gellel vide fol 134;

Rat in-nota ta’ SA datata 27 ta’ Mejju 2024 vide fol 137;

Rat in-nota tad- Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal datata 30 ta’ Awwissu 2024 vide fol 143;

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti regghet rat ir-rikors urgenti ta’ SA ntavolat fl-10 t’April 2023 (fol. 18) li permezz tieghu l-attrici talbet illi l-klawzola fil-ftehim taghhom dwar access bi *sleepovers* tigi sospiza *pendente lite* u li l-access jsir dejjem that is-supervizjoni tan-nanniet paterni. Il-konvenut oggezzjona ghat-talbiet attrici permezz tar-risposta datata 8 ta’ Gunju 2023 (fol. 24) u dan minhabba li t-talbiet kienu identici ghal dawk fir-rikors guramentat u ghalhekk kien prematur wisq biex din il-Qorti tippronunzja ruhha fuq il-meritu. Din il-Qorti ordnat li l-attrici tharrek rapprezentanta tal-Caritas li xehdet waqt is-seduta tat-28 ta’ Gunju 2023 (fol. 26)

Din il-Qorti regghet rat il-verbal tas-seduta ta’ nhar it-28 ta’ Gunju 2023 (fol. 26) u rat illi wara li giet infurmatha li l-*sleepovers* bhala stat ta’ fatt ma kienux qed isiru, din il-Qorti ordnat illi l-intimat ihalli kampju tal-awrina taht is-sorveljanza ta’ rapprezentant tal-Caritas stante li hu kien telaq hesrem mill-programm residenzjali kontra sustanzi illeciti wara biss erba’ (4) xhur. Permezz tad-digriet ta’ nhar it-23 t’Awwissu 2023 (fol. 47) din il-Qorti laqghet it-talbiet tal-attrici pendente lite u ordnat li l-access tal-missier ghal uliedu isir taht is-supervizjoni tan-nanniet paterni u li l-klawzola tal-*isleepovers* tkun sospiza waqt il-perkors tal-proceduri u dan wara konferma mid-Dirigenti tal-Caritas Malta **li l-konvenut kien baqa’ ma ghamel l-ebda kuntatt maghhom.**

Din il-Qorti regghet rat il-verbal tas-seduta ta’ nhar it-23 ta’ Novembru 2023 (fol. 51) li jindika li l-Qorti kienet ordnat illi l-access tal-intimat ikun taht is-supervizjoni ta’

professjonisti u jsir darbtejn fil-gimgha gew stabbilimenti f'Hal Qormi.

Din il-Qorti regghet rat ir-rapport tad-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal li gie ntavolat nhar id-9 ta' Dicembru 2023 (fol. 89) li permezz tieghu d-Direttorat informa lil din il-Qorti illi l-massimu ta' sieghat li setghu jakkordaw lill-intimat ta' access taht supervizjoni kien dak ta' erba' (4) sieghat fil-gimgha. Rat ukoll ir-rapport li gie ntavolat fis-16 ta' Jannar 2024 (fol. 93) li permezz tieghu din il-Qorti giet infurmatha illi s-servizz tal-access taht supervizjoni kien ghadu ser jibda jigi provdut lill-konvenut minn dak ix-xahar stess. Gieipprezentat rapport iehor datat 13 ta' Marzu 2024 (fol. 134) li permezz tieghu l-haddiema socjali nfurmat lil din il-Qorti illi l-access kien qed isir gewwa l-Agenzija Appogg u l-attrici Omm kienet qieghda tikkoopera bi shih. Kien hemm drabi fejn l-access gie kkancellat minhabba li l-missier ma kkonfermax li kien ser jattendi. Fid-data tar-rapport il-missier kien qieghed gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin minhabba li kien taht arrest preventiv wara li gie arrestat fuq serq. Minhabba din ir-raguni, l-access gie mwaqqaf b'dan li l-kuntatt mal-minuri huwa wiehed instabbli ghall-ahhar ghajr ghal xi telefonati. Il-haddiema socjali kienet qed tahdem mal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex il-missier ikollu access permezz ta' *video calls* ghallinqas ta' kwarta darba f'gimgha.

Din il-Qorti regghet rat ir-rapport tad-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal datat 26 t'Awwissu 2024 (fol. 143) li permezz tieghu din il-Qorti giet infurmatha illi l-missier kien hareg mill-habs fuq helsien mill-arrest pendenti l-proceduri fil-konfront tieghu. **Madanakollu, minkejja li l-access setgha jsir b'mod fiziku, bejn Mejju u Awwissu ma kienx sar tali access ghaliex il-missier ma kienx iwiegeb ghat-telefonati tal-Agenzija. It-tlett (3) darbiet li wiegeb huwa qal li kien ma jiflahx.** L-attrici Omm attendiet ghall- laqgha mad-Direttorat ghal kuntrarju tal-konvenut illi falla erba' (4) appuntamenti moghtija lilu. Il-Haddiema Socjali **tilfu l-kuntatt mal-konvenut** minhabba li la jwiegeb it-telefonati u lanqas il-posta elettronika li jibghatu lilu. Id-Direttorat informa lil din il-Qorti illi l-kaz kien ser jinghalaq minn naha tad-Direttorati **minhabba nuqqas ta' interess** u anke peress li l-partijiet ghandhom klawzola fil-kuntratt li jekk l-access ma jsehhx ghal tlett (3) darbiet, l-access ikun sospiz.

L-attrici xehdet permezz ta' affidavit debitament ikkonfermat bil-gurament taghha nhar it-22 ta' Mejju 2024 (fol. 121 et seq.) Tghid illi l-intimat li hu missier it-tewmin taghha ghandu problemi kbar ta' alkahol, droga u rabja. Tghid illi l-intimat tressaq diversi drabi quddiem

Qrati differenti minhabba aggressjoni fuq terzi persuni inkluz is-siehba tieghu. Tressaq ukoll fuq akkuzi ta' serq. Tghid li l-inkwiet taghha hu li l-minuri tewmin kienu qed jigu esposti ghal diversi incidenti waqt il-hin tal-access. Tirrakonta li darba minnhom kienet omm l-intimat li cemplitilha tibki ghaliex l-intimat kien telaq bil-minuri mir-residenza taghhom wara tilwima ma' missieru u ma kienux jafu fejn kien mar bihom. Meta waslet l-attrici fir-residenza tal-genituri tal-intimat, hu kien lahaq irritorna bil-minuri izda kien hemm kommossjoni kbira b'numru ta' vetturi tal-Pulizija barra r-residenza. It-tewmin kienu anke raw lill-missierhom isawwat lis-siehba tieghu u raw id-demm ma' wiccha.

L-attrici xehdet illi wara li l-intimat kien telaq mill-programm residenzjali, kien ghamel hames (5) xhur ma jmurx ghall-access tat-tfal fir-residenza tal-genituri tieghu u l-minuri kienu jqattghu l-hin kollhu tal-access man-nanniet paterni. It-tfal kienu iddejqu ghaliex hadd ma kien qed ikun maghhom. Dan wassal biex il-minuri jaghmlu xenati kbar quddiem ir-residenza tan-nanniet paterni -il ghaliex ma jkunux iridu jidhlu u jispiccaw jidhlu lura fil-vettura taghha. F'Lulju 2023, l-intimat rega' mar jirrisjedi fir-residenza tal-genituri tieghu u ghalhekk l-access rega' beda jsir izda t-tfal kienu qed jigu esposti ghal hafna glied u kliem oxxen. Il-familja kollha tal-intimat ipejpu gewwa u ghalhekk it-tfal kienu jmorru lura b'riha qawwija ta' sigaretti. Hu l-intimat huwa maghruf sewwa mal-Pulizija minhabba li nqabad jisraq u huwa mfittex minn hafna nies.

L-attrici xehdet kif fil-perjodu ta' meta l-intimat kien qieghed jirrisjedi mas-siehba tieghu, ma kellhiex mezz kif taghmel kuntatt mal-konvenut ghajr billi tibghatlu komunikazzjoni eletronika li kien idum biex jaraha. Huwa kien irrifjuta li jiffirmalha ghall- passaporti tal-minuri tant li kellha tirrikorri ghall-awtorizazzjoni tal-Qorti.

L-attrici xehdet li sa l-imghallem tieghu pprova jikkonvincih biex jeghleb l-vizzju tad-droga izda avolja kien beda dan il-programm wara ftit xhur u hareg hesrem. Biex tara li l-access ma' missierhom isir bil-kwiet, l-attrici accettat li tkun prezenti billi tidhol mat-tfal fir-residenza tan-nanniet paterni u toqghod bilqieghda fuq sufan ghandhom. Wara nofs in-nhar in-nanniet jiehdu siesta u mhux l-ewwel darba li l-konvenut raqad fuq is-sufan ukoll jew jgidilha li sejjer jaghmel qadja. Gieli tant jorqod fil-fond li lanqas iqum biex jarahom sejrin fl-ahhar tal-access. Tghid li l-intimat ma jinzilx ghal livell tat-tfal u biex jiccajta kemm-il darba weggahhom bhal joqroshom jew idawwarhom rashom 'l isfel u ma jistghu jghidulu xejn ghax jaqbad jiggieled maghhom.

Tixhed illi mhux talli m'ghaddilhiex manteniment, talli jitlobha l-flus ghaliex jghid li ma jkollux biex jixtri x'jiekol. **Minkejja li din il-Qorti laqghet it-talba tieghu u ordnat illi fil-Milied u fl-Ewwel tas-Sena jmorru jieklu flimkien, dan ma sehhx ghaliex l-intimat qal li ma hasx il-bzonn ta' dan.** Meta l-access beda jsehh taht is-supervizjoni tal-professjonisti, kemm-il darba ma marx ghaliex jghid li kien baqa' rieqed. Tali access gie terminat meta l-konvenut rega' gie arrestat fuq serq. Sostniet li bit-tajjeb u bil-hazin tieghu, l-intimat jibqa' missierhom u hi tixtieq li tarahom iqattghu l-hin flimkien izda b'mod san u sigur.

Sabiex tikkorroborra l-verzjoni taghha, l-attrici resqet is-segwenti provi:

**Maria Caruana** in rapprezentanza tal-Caritas Malta xehdet (fol. 26) u pprezentat rapport (fol. 29) liema rapport jindika li l-konvenut kien ghamel kuntatt ma' Caritas Malta f'Gunju 2022 u kien ghamel il-preparamenti necessarji sabiex jidhol ghal programm residenzjali kontra s-sustanzi illeciti ta' durata ta' tmien (8) xhur. Madanakollu huwa ddecieda li johrog mill-programm residenzjali wara erba' (4) xhur u f'April 2023 qata' l-kuntatt b'mod hesrem. Kien l-uzu qawwi ta' kokaina li wassal lill-konvenut biex jersaq lejn il-Caritas. Ix-xhud xehdet illi l-konvenut ma kienx ha l-programm b'serjeta', ghalkemm ma kellux problemi mar-residenti l-ohra jew mal-istaff. Xorta ma kienx joqghod ghar-regoli li ma kienux joghgbuh. Wara li hareg kien ghamel tlett (3) xhur ihalli l-kampjuni li kienu negattivi ghas-sustanzi illeciti izda hu stess kien ammetta li kien qed jikkonsma x-xorb alkoholiku.

**Marika Mifsud** fl-irwol ta' Assistant Registratur Qrati Kriminali u Tribunali (fol. 54) ezebiet rendikont tal-proceduri kriminali li jinsabu pendenti fil-konfront tal-konvenut (fol. 56). Ix-xhud ezebiet *record* li turi li l-konvenut ghandu pendenti akkuzi li saq minghajr licenzja valida (fol. 57), kif ukoll proceduri li fihom tressqu imputazzjonijiet kontra l-kovenut li weggha lill-missier l-attrici, JA, u li b'hekk wettaq reat li bhala ufficjal pubbliku kellu d-dmir li jimpedixxi milli jsir (fol. 58). Tressaq quddiem Qorti b'kompetenza kriminali minhabba li kien kisser jew ghamel hsara fuq proprjeta' tas-siehba tieghu (fol. 59). Ingiebu wkoll imputazzjonijiet kontrih fuq sewqa perikoluz u li kien habat u kkaguna hsarat fil-vetturi ta' tlett (3) persuni (fol. 62). Ix-xhud ezebiet ukoll kopja ta' sentenza moghtija kontra l-intimat nhar id-9 ta' Lulju 2023 li permezz taghha nstab hati li kkaguna feriti fuq terz u qieghdet lill-konvenut taht Ordni ta' Probation ghal tlett (3) snin (fol. 63 et seq.).

**Louis Buhagiar** in rapprezentanza ta' Jobsplus (fol. 54). ezebixxa kopja tar-*records* tal-impjieg tal-partijiet. Tali *records* juru li l-attrici tinsab f'impjieg fuq bazi *full-time*. Ir-*record* tal-intimat turi li huwa biddel diversi impjiegi anke bir-rata ta' erba' (4) bidliet f'sena wahda bl-ahhar impjieg kien gie terminat ftit gimghat qabel id-data tas-seduta. Ix-xhud xehed ulterjorment waqt is-seduta ta' nhar il-21 ta' Frar 2023 (fol. 91A). Huwa ezebixxa *records* li juru r-ragunijiet ghat-terminazzjoni tal-impjieg liema ragunijiet kienu, li twaqqaf waqt iz-zmien ta' prova (hames impjiegi differenti); nuqqas ta' xoghol; li l-kuntratt wasal fi tmiem tal-perjodu specifikat; jew minhabba rizenja tal-konvenut innfisu. Ir-*records* sottomessi mill-Forzi Armati ta' Malta u socjeta' tal-*Gaming* juru li l-konvenut gie mwaqqaf mill-impjieg bhala mizura ta' dixxiplina.

**Kelvin Farrugia PC598,** in rapprezentanza tad-*Domestic Violence Prosecution Unit,* (fol. 54). ezebixxa kopja ta' rapport li sar mis-siehba tal-konvenut nhar it-23 ta' Ottubru 2021 (fol. 83) u dan ghaliex kien inqala' argument bejniethom u l-konvenut kien sabbat l-bieba tas-*shower* tant li nkissret. Hu kien irrifjuta li jitlaq mir-residenza taghha.

**Dr Alexia Aquilina** in rapprezentanza tal-Ufficcju tal-Kondotti (fol. 54). ezebiet kopja tal-fedina penali tal-konvenut li turi li l-konvenut kien diga nstab darbtejn (2) hati li kien saq b'mod perikoluz u kkaguna hsara fil-vettura ta' terzi jew li saq minghajr il-licenzja.

**Doris Vella Cassia** in rapprezentanza ta' Mater Dei Hospital (fol. 54). ezebiet kopja tal-*file* mediku tal-konvenut.

**Karen Falzon** in rapprezentanza tal-Qrati Civili u Tribunali (fol. 54). ezebiet kopja ta' sentenza li nghatat fil-konfront tal-konvenut minn Qorti tal-Magistrati b'kompetenza Civili kif ukoll kopja ta' zewg mandati (fol. 87H).

**Dr Christopher Spiteri** in rapprezentanza ta' *Transport Malta Land Transport Directorate* (fol. 54). ezebixxa rendikont tal-vetturi li hemm registrati fuq il-konvenut.

**Kenneth Pace** in rapprezentanza tat-Transport Malta – Driver Vehicle Licensing Unit Model Toys Ltd. (fol. 91A) esebixxa Dok KP1 (a fol 91 Q u R)

**Claire Amato** in rapprezentanza tal-Ghassa tal-Belt Valletta u Hal Qormi (fol. 91A) ezebiet sitt (6) rapporti li saru kontra l-konvenut. Fis-26 ta' Settembru 2019 sar rapport mill-attrici (fol. 91S) ghaliex l-intimat kien ha wiehed mit-tewmin u hallih bilqieghda fil-post tal-passiggier tal-karozza minkejja li l-wild ma kienx ghadu jaf joqghod bilqieghda wahdu. L-intimat irrifjuta li jghaddi lill-minuri lura lill-Omm minkejja li l-wild beda jibki. Fit-12 ta' Novembru tas-sena 2019 (fol. 91W), l-attrici ghamlet rapport iehor kontra l-konvenut ghaliex waqt li kienu qed jikkomunikaw dwar it-tilqim tat-tfal, hasset li l-konvenut kien heddidha. Min-naha tieghu l-konvenut fiehem lill-Pulizija illi fl-ebda mument ma kien intenzjonat illi jheddidha ghaliex f'dak is-sens anke wiehed mill-messaggi taghha setgha jigi interpretat bhala theddida. Ir-rapport maghmul fis-6 ta' Lulju 2020 (fol. 91Z) kien maghmul minn missier l-attrici fil-konfront tal-intimat ghaliex aktar minn sena qabel, l-intimat kien hebb ghalih meta ma hallihx johrog bit-tewmin ta' ftit granet ghaliex kienet il-kesha u kien fi stat ta' sokor. Sar rapport iehor mill-attrici fit-12 ta' Ottubru 2020 (fol 91A) minhabba li l-intimat kien qabez il-hlas ta' manteniment ghax-xahar ta' Gunju 2020. Fis-16 ta' Frar 2023 (fol. 91AG), l-attrici ghamlet rapport kontra l-intimat fuq nuqqas ta' pagamenti ta' manteniment ghaz-zmien meta hu kien qieghed jaghmel programm residenzjali kontra d-dipendenza fuq is-sustanzi. Il-Pulizija kellhom jaghmlu l-investigazzjonijiet taghhom biex jaghmlu kuntatt mal-intimat minhabba li l-indirizz indikat fuq id-dokumenti ufficjali tieghu kien post abbandunat u ma kienx qed jirrisjedi mal-genituri tieghu. Il-Pulizija ghamlet kuntatt mal-intimat tramite s-siehba tieghu u hu qalilhom li kien lehaq ftehim ma' omm it-tfal li ser ihallasha b'lura meta jsib xoghol. L-attrici ghamlet rapport iehor fl-20 ta' Marzu 2023 (fol. 91 AL) fuq nuqqas ta' hlas ta' manteniment u l-Pulizija ghal darb'ohra sabuha difficli jaghmlu kuntatt mal-intimat.

Ix-xhud regghet xehdet  (vide fol. 94) u ezebiet hames (5) rapporti ohra li saru fil-konfront tal-intimat. Ir-rapport a fol. 95 maghmul nhar it-8 ta' Lulju 2023 minn terza persuna kontra l-intimat minhabba li l-Pulizija gew mitluba jinterrompu glieda li kien hemm bejn zewg irgiel li rrizultaw li kienu l-intimat u t-terz li ghamel ir-rapport. Il-kwerelant kellu griehi li setghu jigu meqjusa ta' natura gravi. L-intimat stess kien ammetta li meta gie sfidat ghal glied, huwa kien ta daqqa ta' ras lit-terz u dan kien waqa' mal-art. L-intimat kien tressaq b'akkuzi kontrih li kien ammetta ghalihom. Ir-rapport a fol. 100 sar fl-1 t'Awwissu 2023 minn missier l-intimat wara li omm l-intimat kienet sabet xi brazzuletta u c-curkett tat-tieg neqsin u dan wara li ftit tal-gimghat qabel binhom kien gibed ammont ta' flus mill-kont taghhom minghajr awtorizzazzjoni. Il-konvenut ammetta li kien gibed il-flus u kien ha *playstation* ta' huh ghal

flus izda nnega li kien hu li ha d-dehbijiet ta' ommu. Fl-1 ta' Novembru 2024 (fol. 105) sar rapport minn terza persuna kontra l-konvenut ghaliex il-konvenut li kien is-sieheb taghha dak iz-zmien kien aggrediha. Huma kellhom argument bejniethom waqt il-hin tax-xoghol fuq messaggi li kienet qed tibghat u x'hin marret lura fir-residenza li kienu qed jikru flimkien, hu kien qabadha minn ghonqha u rassa ma' bieb. Fis-26 ta' Gunju 2011 (fol. 110) sar rapport fil-konfront tal-konvenut minhabba li kien baqa' diehel f'vettura misjuqa minn terz u kkawzalu l-hsara. Nhar il-15 ta' Mejju 2011 sar rapport minn missier l-intimat (fol. 116) minhabba li l-intimat kien hadlu l-vettura tieghu minghajr kunsens u kien saq b'negligenza tant li kien ser iwegga' ufficjal fil-qadi ta' dmirijietu. Nhar it-12 ta' Mejju tas-sena 2020 (fol. 117) l-attrici ghamlet rapport kontra l-konvenut minhabba li ma kienx qed isegwi l-kundizzjonijiet tal-access skont digriet tal-Qorti minhabba li ma kienx hemm persuna prezenti waqt il-*handover* tal-access.

**RA,** ossia omm l-attrici xehdet permezz ta' affidavit u (fol. 132). tghid li tigi n-nanna materna tat-tewmin li ilhom jirrisjedu maghha u mar-ragel taghha flimkien ma' ommhom l-attrici sa mit-twelied taghhom. Tghid li bintha dawret hajjitha kollha madwar it-tewmin; tehodhom ghall-isports darbtejn fil-gimgha u tehodhom il-bandli kuljum. Peress li hija ghalliema tat-tfal zghar, l-attrici omm taghmel hafna xoghol edukattiv mat-tewmin.

Tixhed illi l-partijiet damu erbgha (4) snin f'relazzjoni u ghal tlieta (3) minnhom, il-konvenut kien jirrisjedi fir-residenza tax-xhud. Matul dan il-perjodu, kien ikun hemm hafna glied fid-dar minhabba l-agir tieghu. Kien diga kellu l-vizzju tax-xorb u tad-droga u kien dejjem iwieghed lil binta li kien ser jieqaf izda qatt ma waqaf. Mhux talli hekk, talli tkecca mill-Forzi Armati minhabba li nstab pozittiv ghas-sustanzi u spicca ddejjen ma' hafna nies. Gie fl-inkwiet mal-banek u l-ebda bank mhu ser jakkordalu l-fakolta ta' self . Kien jiggieled hafna mal-membri tal-familja tieghu, jissellef il-flus minghand l-attrici izda qatt ma jroddhom lura. Bint ix-xhud kemm-il darba marret lura d-dar bi tbengil fuq gisimha. Ix-xhud tghid li anke selfet hmistax-il elf euro (Eur 15,000) lill-konvenut biex jixtri vettura izda l-flus qatt ma gew lura.

Ix-xhud tirrakonta illi meta t-tewmin kien ghad ghandhom ftit granet, kien hemm gurnata li l-konvenut iddecieda li kellhom johorgu jieklu. Kien jinsab fi stat ta' sokor u ppruvaw ifehmuh li ma kienx fl-interess tat-tewmin li johorgu fil-kesha. Kienu ppruvaw izommuh ghaliex ma kienx fi stat li jsuq u l-konvenut hebb ghar-ragel tax-xhud tant li kkagunalu dannu

f'daru u r-ragel tax-xhud spicca kellu jaghmel sitt (6) gimghat barra mix-xoghol tieghu.
Ix-xhud tghid illi bintha hasset li ma kien fadal xejn mir-relazzjoni u temmitha meta t-tewmin kellhom erba' (4) xhur. Il-konvenut rega' mar jirrisjedi mal-genituri tieghu bi ftehim li bintha tehodlu lit-tewmin biex jarahom ghand il-genituri tieghu. Madanakollu, kull darba li kien ikun hemm dan l-access, kienu jispiccaw bi vjolenza domestika u bir-rapporti mal-Pulizija. Kien hemm darba meta t-tewmin kellhom madwar sena li l-intimat iggieled ma' missieru u s-siehba tieghu u kien harab bit-tewmin. Hadd ma kien jaf fejn mar izda wara li ghadd l-hin irritorna bit-tfal jibku u jghoxxew ghaliex kien werwirhom.

Ix-xhud tat rendikont tal-incidenti li taf bihom hi li kien involut fihom il-konvenut matul ix-xhur. Kien anke jcempel lil bintha f'hin bikri ta' filghodu jghidilha li kien bejn hajja u mewt u li kellu bzonn il-flus.

It-tfal bdew jibku hafna qabel il-hin tal-access ma jridux imorru ghaliex kienu jaghmlu l-hin quddiem it-televizjoni, lanqas gugarelli ma kellhom u hadd ma kien jaghti kashom. Meta l-access beda jsir taht supervizjoni tal-professjonisti, l-intimat kemm-il darba nesa' jmur ghalihom u lanqas ma mar ghall-ikla tal-Milied u tal-Ewwel tas-Sena kif kien gie degretat mill-Qorti tal-Familja.
Ix-xhud tispicca l-affidavit taghha billi tghid illi kemm hi kif ukoll zewgha kienu lesti li jibqghu joffru s-sostenn taghha lil binthom l-attrici fit-trobbija tat-tewmin.

Il-konvenut **FX** xehed quddiem din il-Qorti (vide fol. 147), u sostna illi kien il-habs fuq serqa u wara li nghata l-helsien mill-arrest, huwa beda jfittex impjieg izda kull socjeta' tirrilaxxah meta ssir taf bil-fatt tas-serqa. Minhabba f'hekk huwa ma kienx qed ihallas manteniment. Fid-data tat-testimonjanza kien qieghed bi prova ma' socjeta' bhala *delivery person*.

**Ikkonsidrat:**

***Fir-rigward il-kura u l-kustodja u l-access tal-ulied***

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li fejn si tratta ta' tfal minuri, ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [1] Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[2] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[3]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[4] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[5]

[1] Enfazi tal-Qorti.
[2] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[3] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.
[5] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[6]

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahjar interess tal-minuri".***[7]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi gie ritenut ukoll illi meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-genituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maggor parti tal-kazijiet li jitressqu ghad-decizjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull decizjoni immankabilment thalli effett duratur fuq il-hajja tal-minuri u fuq il-hajja ta' dawk ta' madwar il-minuri.

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha.***

---

deciza 14/12/2018.

[6] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.

[7] Enfazi tal-Qorti.

> ***Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.*** [8] ***Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

## Applikazzjoni tal-Principji Legali ghal Kaz Odjern

Din il-Qorti ghandha quddiemha talbiet imressqa mill-attrici Omm sabiex din il-Qorti tordna tvarja l-kuntratt ta' kura u kustodja li ffirmaw il-partijiet u dan minhabba li c-cirkostanzi nbidlu wara li gie ffirmat l-istess kuntratt. L-attrici resqet provi sufficjenti biex tissostanzjalizza l-verzjoni taghha li kellha tintavola l-proceduri odjerni minhabba diversi incidenti li nqalghu wara l-iffirmar tal-kuntratt ta' kura u kustodja liema incidenti hallew impatt negattiv fuq il-minuri tewmin ulied il-partijiet. Fil-mori tal-proceduri, kien hemm diversi incidenti ohra tant li l-konvenut rega' kien gie arrestat u ghamel xahrejn taht arrest preventiv waqt li kkometta serqa minn hanut kif ammetta hu stess waqt it-testimonjanza tieghu. Madanakollu din il-Qorti tinnota li l-konvenut jirreferi ghal din bhala "serqa zghira" (fol. 149) u ghalhekk din il-Qorti mhix konvinta li l-konvenut hu fi stat li jifhem il-gravita' ta' l-ghazliet li ghamel b'hajtu. Serqa zghira jew kbira, xorta jidher li l-futur lavorattiv tal-konvenut huwa prekarju.

Inoltre din il-Qorti tqis illi l-intimat ghandu n-nuqqas assolut ta' interess f'uliedu u dan meta wiehed iqis li **l-access taht is-supervizjoni tal-professjonisti gie mwaqqaf minhabba li l-konvenut falla li jattendi ghall-access aktar minn ghoxrin (20) darba** jew ghax il-professjonisti ma jkunux jistghu jaghmlu kuntatt mieghu jew ghaliex jallega li jkun ma jiflahx. Dan oltre ghal fatt illi l-konvenut mhux qed jikkontribwixxi finanzjarjament bl-ebda mod ghat-trobbija ta' uliedu.

Din il-Qorti tqis illi l-konvenut inghata kull opportunita' possibbli li jzomm kuntatt san ma' uliedu. Issir referenza ghall-ordni ta' din il-Qorti fi stadju bikri tal-proceduri odjerni, li l-partijiet u uliedhom imorru jieklu flimkien fil-gurnata tal-Milied. **Kien il-konvenut innifsu li sussegwentement irrifjuta u hassar il-pjanijiet ghar-ragunijiet tieghu.** Din il-Qorti ma tistax ma tfahharx lill-attrici li baqghet dejjem tappoggja lill-minuri sabiex ikollhom access u

[8] Enfazi tal-Qorti.

kuntatt ma' missierhom, minkejja d-diffikultajiet li kienet qed tiskontra. Issir referenza ghal fatt illi kienet l-attrici li kienet tiehu u tigbor lill-minuri minghand in-nanniet paterni meta l-access kien ghadu jsir ghandhom, kienet l-attrici li kienet tattendi mal-minuri ghall-access taht supervizjoni sabiex il-minuri jhossuhom komdi u tohrog baxx baxx wara li l-minuri jkunu ghadu fil-prezenza ta' missierhom u l-professjonist prezenti, u kienet l-attrici li attendiet ghal laqgha mad-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal sabiex jigi stabbilit pjan 'il quddiem.

Din il-Qorti tara ukoll illi sfortunatament wara li n-nanniet paterni ddecidew li jitterminaw l-access gewwa r-residenza taghhom, ma tantx jidher illi kien hemm xi tip ta' involviment jew kontribuzzjoni da parti taghhom lejn it-trobbija tat-tewmin. Altru minn hekk, mill-provi mresqa jirrizulta li n-nanniet paterni lanqas biss kienu juru interess waqt li t-tewmin kienu jkunu gewwa darhom tant li anke kienu jmorru jorqdu u jhalluhom wahedhom. Ghalhekk din il-Qorti tirrikonoxxi li l-attrici li trid terfa' r-responsabbilta' tat-trobbija tat-tewmin wahedha.

Din il-Qorti tara kif il-verzjoni tal-attrici giet sostanzjalizzata minn provi oggettivi waqt li l-konvenut ma ressaq l-ebda provi ghajr ghat-testimonjanza tieghu tal-15 ta' Jannar 2025. Inoltre, jidher bic-car illi n-nuqqas ta' stabbilta' fil-hajja tal-konvenut u sfortunatament it-triq li qabad ma joffrux ezempju tajjeb lill-minuri u ghalhekk din il-Qorti tqis li mhux fl-interess suprem tal-minuri li jibqghu jigu esposti ghall-konvenut sakemm dan ma jirriformax ruhu darba ghal dejjem wara li jinqatghu l-proceduri penali li hemm pendenti fil-konfront tieghu u jiskonta kwalunkwe piena li tista' tinghata lilu.

**Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi r-rikors guramentat tal-attrici SA datat 10 t'April 2023 billi:**

1) **Tichad l-ewwel talba in vista ta' dak li ser tipprovdi din il-Qorti aktar 'l isfel;**
2) **Tilqa' t-tieni talba u tordna il-klawzola numru 5(b) fil-kuntratt ta' kura u kustodja ppubblikat mill-partijiet fl-atti tan-Nutar Dr Francesca Cachia Zammit nhar il-15 ta' Marzu 2022 li tkun sospiza u ineffettiva;**
3) **Tilqa' t-tielet talba u tordna li l-minuri tewmin qatt m'ghandhom jirkbu f'karozza meta jkun qieghed isuq l-intimat missierhom;**
4) **Taht l-awtorita' moghtija lil din il-Qorti bis-setgha tad-disposizzjoni numru 149 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti tordna illi l-access tal-konvenut ghall-minuri tewmin ikun sospiz kompletament sakemm il-konvenut Missier**

**jirriforma ruhu b'mod shih u jintavola l-proceduri opportuni quddiem din il-Qorti biex jipprova li jkun ghamel hekk u dan skont l-interess suprem tal-minuri tewmin YXA u KXA sabiex ma jigux esposti ghal aktar trawmi.**

5) **Taht l-awtorita' moghtija lil din il-Qorti bis-setgha ta' Art. 149 Kap 16, il-Qorti fl-ahjar interess tat-Tewmin YXA u KXA takkorda l-kura u kustodja esklussiva taghhom f'idejn l-attrici li wahedha u minghajr il-firma kunsens jew presenza tal-intimat , ghandha tiehu d-decizjonijiet kollha dwar il-minuri, kemm dawk ordinarja kif ukoll dawk straordinarji inkluz decizjonijiet dwar sahha, edukazzjoni, attivita' extra-kurrikulari, safar, applikazzjoni ghall-hrug u tigdid tal-passaporti tat-tfal u l-karta ta' identita' taghhom, kif del resto affermat fl-ewwel u t-tieni klawzola tal-kuntratt bejn il-partijiet esebit a fol 4 et seqq;**

**Bl- ispejjez kontra l-konvenut.**

**Moqrija.**

**Imhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nicole Caruana**
**Deputat Registratur**